MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 291/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Josef Agius**
**Kurt Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmija Josef Agius u Kurt Mizzi talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u cioe` talli:

**(**1) bejn l-10 u l-11 ta' Mejju 2005, bil-lejl, fil-Qawra, ikkommettew serq ta' mutur tal-marka Suzuki 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAN 256, liema serq hu

kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-mitt Lira Maltin (LM 100), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-detriment ta' Carmel Cassar minn San Pawl il-Baħar;

(2) f'xi żmien matul ix-xahar ta' Lulju 2005, f'San Ġiljan, ikkommettew serq ta' pjanċi tar-reġistrazzjoni bin-numru GBB 551 minn fuq mutur tal-marka Peugeot, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-detriment ta' Lorry Naudi minn Ħal-Balzan u ta' John Farrugia f'isem il-kumpanija 'Cycle World Limited' tal-Ħamrun;

(3) fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, u f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer f'dawn l-aħħar xhur, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe` fuq mutur tal-marka Suzuki 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAN 256, u fuq pjanċi tar-reġistrazzjoni bin-numru GBB 155, liema ħsara teċċedi l-ħamsin Lira Maltin (LM 50) iżda hi anqas min ħames mitt Lira Maltin (LM 500), għad-detriment ta' Carmel Cassar minn San Pawl il-Baħar u ta' Lorry Naudi minn Ħal-Balzan u ta John Farrugia f'isem il-kumpanija 'Cycle World Limited' tal-Ħamrun;

(4) fis-27 ta' Frar 2006, għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu, u fil-jiem u xhur ta' qabel, fil-Mosta u f'inħawi differenti f'dawn il-Gżejjer, sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom infushom jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita` pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz billi waħħlu pjanċi tar-reġistrazjoni foloz bin-numru GBB 551 li kien alterat biex jaqra GPB 501 fuq mutur tal-għamla Suzuki 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali FAN 256;

(5) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, għamlu falsifikazzjoni jew xjentement għamlu użu minn xi dokument ieħor iffalsifikat billi waħħlu n-numru tar-reġistrazzjoni falz bin-numru GBB 551 li kien alterat biex ġie jaqra' GPB 501, fuq mutur tal-għamla Suzuki 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali FAN 256;

(6) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, għamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi ħolqu pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlu dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żiedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement għamlu użu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe` minn pjanċi tar-reġistrazzjoni bin-numru oriġinali GBB 551, billi ġew alterati biex ġew jaqraw GPB 501;

(7) f'dawn l-aħħar xhur f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom;

(8) f'dawn l-aħħar xhur f'dawn il-Gżejjer, malli saru jafu li xi ħaġa li kienet fil-pussess tagħhom kienet ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqsu li jgħarrfu lill-Pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta kien hekk saru jafu;

(9) fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, u cioe` fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Mejju 2005 u fil-jiem u xhur ta' wara, u/jew fil-jum tas-27 ta' Frar 2006, fil-Qawra u fil-Mosta, u f'inħawi differenti f'dawn il-gżejjer, saqu l-imsemmi mutur tal-marka Suzuki 125 li għandu numru tar-reġistrazzjoni oriġinali FAN 256, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saqu l-istess mutur mingħajr ma kellhom liċenzja speċifikata biex isuqu l-imsemmi mutur, u b'hekk ma kinux koperti b'polza ta' l-assikurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni;

Lil Kurt Mizzi waħdu talli:

(10) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, u cioe` fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Mejju 2005 u fil-jiem u xhur ta' wara, mngħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun bagħbas, neħħa jew biddel jew għamel numru ta' l-identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur, u cioe` fuq mutur tal-marka Suzuki 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAN 256, billi ħassar n-numru tax-chassis stampat li kien jaqra 817531;

(11) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, u anke fit-28 ta' Frar 2006 għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu u fix-xhur ta' qabel, fl-Imtarfa, fil-Mosta u f'inħawi differenti f'dawn il-Gżejjer, saq vettura tal-marka Mazda 323F bin-numru tar-reġistrazzjoni FAS 234, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kellu liċenzja speċifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni;

Lil Josef Agius u Kurt Mizzi waħedhom talli:

(12) irrendew rwiehhom reċidivi ai termini ta' l-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li nstabu ħatja b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

(13) kisru l-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza datata 6 ta' Lulju 2004, fejn l-istess Josef Agius u Kurt Mizzi kienu misjuba ħatja ta' serq aggravat u ġew illiberati u mpoġġija taħt ħarsien ta' probation officer, bil-kundizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tliet snin;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Gunju 2010 li permezz taghha fil-konfront ta' Josef Agius, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 37, 261(a)(b)(ċ)(f)(g), 261(1)(b), 263(a), 267, 271(g), 276 u 277(b), 261(a)(b)(ġ), 261(b), 263(ċ), 271(a), 276 u 277(b), 325(1)(b), 188, 189, 183, 334(a), 261(ċ), 267, 279(a), 334A tal-Kap 9 u l-artikoli 3(1)(2) tal-Kap 104

u 15(1)(a) tal-Kap 65, l-artikoli 49, 50, 289 tal-Kap 9 u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 sabet lill-imsemmi Josef Agius ħati tal-ewwel, tad-disgħa u tat-tlettax-il imputazzjoni izda lliberatu mit-tieni, mit-tielet, mir-raba', mill-ħames, mis-sitt, mill-għaxar u mit-tnax-il imputazzjoni li ma sabitux hati taghhom, u ma haditx konjizzjoni tas-seba' u tat-tmien imputazzjoni li huma alternattiva għall-ewwel imputazzjoni. L-ewwel Qorti kkundannat lill-imsemmi Josef Agius iħallas ammenda komplessiva ta' €94 (imputazzjoni numru 9 b'applikazzjoni tal-artikolu 37), waqt li għall-ewwel u għat-tlettax-il imputazzjoni (serq ġdid u ksur ta' ordni ta' probation wara serq) u dan b'serq ieħor effettwat 14-il xahar biss wara li ngħatat il-probation li kellha ddum fis-seħħ tliet snin (b'applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) u 37 tal-Kap 9) ikkundannatu għal disa' xhur priġunerija;

Rat ukoll illi fil-konfront ta' Kurt Mizzi, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h), 37, 261(a)(b)(ċ)(f)(g), 261(1)(b), 263(a), 267, 271(g), 276 u 277(b), 261(a)(b)(ġ), 261(b), 263(ċ), 271(a), 276 u 277(b), 325(1)(b), 188, 189, 183, 334(a), 261(ċ), 267, 279(a), 334A tal-Kap 9 u l-artikoli 3(1)(2) tal-Kap 104 u 15(1)(a) tal-Kap 65, 298D tal-Kap 9, l-artikoli 3(1)(2) tal-Kap 104 u 15(1)(a) tal-Kap 65 (imputazzjoni numru 11), l-artikoli 49, 50, 289 tal-Kap 9 u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap 446, sabet lill-imsemmi Kurt Mizzi ħati tal-ewwel imputazzjoni, tat-tielet, tad-disa' imputazzjoni, tal-għaxar mputazzjoni, tal-ħdax u tat-tlettax l-imputazzjoni, bit-tielet imputazzjoni assorbita fl-għaxar imputazzjoni izda lliberatu mit-tieni, mir-raba' imputazzjoni, mill-ħames imputazzjoni, mis-sitt imputazzjoni u mit-tnax-il imputazzjoni (l-addebitu tar-reċidiva) li ma sabitux hati taghhom, waqt li ma haditx konjizzjoni tas-seba' u tat-tmien imputazzjoni li huma alternattivi għall-ewwel imputazzjoni. L-ewwel Qorti ikkundannat lill-imsemmi Kurt Mizzi għall-ħlas ta' ammenda komplessiva ta' €246.50[1] waqt li għall-ewwel u għat-tlettax-il imputazzjoni (serq ġdid u ksur ta' ordni ta' probation wara serq) u dan b'serq ieħor effettwat 14-il xahar biss wara li ngħatat il-probation li kellha ddum fis-

[1] Applikazzjoni tal-artikoli 37 għat-tliet multi.

seħħ tliet snin (b'applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) u 37 tal-Kap 9) ikkundannatu għal disa' xhur priġunerija;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Josef Agius pprezentat fit-28 ta' Gunju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati ta' l-imputazzjonijiet numri tnejn, tlieta, erbgha, hamsa, sitta, ghaxra u tnax u fejn ma haditx konjizzjoni tas-seba\` u tmien imputazzjoni stante li huma alternattivi ghall-ewwel imputazzjoni, tikkonfermaha fejn sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet numri disa\` u tlettax u thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi u f'kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat ukoll ir-rikors ta' l-appell ta' Kurt Mizzi pprezentat fit-28 ta' Gunju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti:

a. in vista tad-difetti legali fis-sentenza, tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjaraha nulla u bla effett u sabiex ma jkunx ipprivat mid-dritt tieghu tad-*doppio esame* li l-atti ta' din il-kawza jkunu rimandati lill-ewwel Qorti, jew

b. tvarja u tirriforma s-sentenza appellat billi:

i. tikkonfermaha in kwantu ma giex misjub hati tat-tieni, tar-raba\`, tal-hames, tas-sitt u tat-tnax-il imputazzjoni u li minnhom lliberatu,

ii. tikkonfermaha in kwantu ma ttihditx konjizzjoni tas-seba\` u tat- tmien imputazzjoni li huma alternattivi ghall-ewwel imputazzjoni,

iii. tirrevokaha in kwantu nstab hati tal-ewwel, tat-tielet, tad-disa', tal- ghaxar, tal-hdax u tat-tlettax-il imputazzjoni, bit-tielet imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi, u

iv. fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija tieghu taht dawn l- imputazzjonijiet kollha jew uhud minnhom, li tvarja l-piena infltta ghal piena ohra anqas u aktar ekwa;

Rat illi fis-seduta ta’ l-1 ta’ Dicembru 2010 l-Avukat Dottor Philip Galea Farrugia ghall-Avukat Generali ssolleva n-nullita` tar-rikors ta’ appell ta’ Josef Agius;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti sejra tibda billi tikkunsidra l-appell ta’ Kurt Mizzi.

L-aggravji ta’ l-appellant Kurt Mizzi (minn hawn ‘il quddiem “l-appellant Mizzi”) huma fil-qosor is-segwenti: (1) li s-sentenza appellata hi nulla ghax gie citat artikolu li ma jezistix u gew citati artikoli li dwarhom huwa ma nstabx hati; (2) li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi in konnessjoni ma’ l-ewwel imputazzjoni ghax ma setax jinstab hati ta’ serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa a tenur ta’ l-artikolu 271(a) tal-Kodici Kriminali; (3) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u applikazzjoni zbaljata tal-ligi dwar it-tielet imputazzjoni peress illi pjanci ta’ registrazzjoni huma proprjeta` pubblika u mhux proprjeta` ta’ sid il-vettura, prova tal-valur taghhom ma ngabitx u ma ngabitx prova ta’ xi hsara fuq il-mutur; (4) li t-tieni stqarrija ta’ l-appellant Mizzi ghandha tigi sfilzata ghax saret fl-assenza tal-genituri tieghu u ma tistax titqies bhala wahda volontarja; (5) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena hi eccessiva.

Dwar l-ewwel aggravju, l-appellant Mizzi irtira tali aggravju permezz ta’ nota pprezentata fis-seduta ta’ l-1 ta’ Dicembru 2010. Ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-ewwel aggravju, u sejra tikkunsidra r-raba’ aggravju.

Permezz tar-raba’ aggravju l-appellant Mizzi jitlob l-isfilz tat-tieni stqarrija stante li meta rrilaxxja t-tieni stqarrija kien minorenni u ma kienx assistit mill-genituri tieghu. Jghid

mill-atti ma jirrizultax illi huwa ghamel xi dikjarazzjoni li din l-istqarrija kienet wahda volontarja. Huwa rrefera ghal xi gurisprudenza li jqis relevanti: Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Emmanuel Mifsud** ta' l-20 ta' Ottubru 1956 u **Il-Pulizija v. Anthony Azzopardi** ta' l-14 ta' Mejju 1987, u riferenzi kostituzzjonali decizi mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mark Lombardi** tad-9 ta' Ottubru 2009 u **Il-Pulizija v. Esron Pullicino** ta' l-24 ta' Frar 2010.

Issa f'dan il-kaz jirrizulta illi l-appellant Mizzi ghamel zewg stqarrijiet. Ghall-ewwel wahda kien hemm prezenti missieru Victor Mizzi, u minn dik l-istqarrija jirrizulta illi l-appellant Mizzi ma ammetta xejn u ma ffirmahiex. It-tieni stqarrija, li tikkontjeni xi ammissjonijiet, ma saritx fil-prezenza tal-genituri tieghu u ghazel li jiffirmaha. L-Ispettur Stephen Mallia spjega li waqt l-ewwel interrogazzjoni missier l-appellant Mizzi kien qieghed kontinwament jintervjeni. Ghal dik l-interrogazzjoni kienet prezenti wkoll omm l-appellant Mizzi li ma ntervjenietx. Barra minn hekk, missier l-appellant Mizzi kien ta lill-Ispettur Mallia zewg verzjonijiet differenti dwar il-karozza tieghu, l-ewwel li ma kienx wassal lil ibnu l-Mosta u li l-karozza kienet wara l-bieb tad-dar l-Imtarfa, imbaghad cempel lill-Ispettur wara ftit u qallu li l-karozza fil-fatt kienet waqfitlu bla petrol il-Mosta. Ghalhekk l-Ispettur Mallia qal li hass li l-prezenza tal-missier seta' kien ta' detriment ghall-investigazzjoni. Din il-Qorti tosserva illi l-Ispettur Mallia seta' facilment talab il-prezenza ta' omm l-appellant Mizzi waqt it-tieni stqarrija galadarba hi ma kinitx intervjeniet waqt l-ewwel stqarrija.

Din il-Qorti, pero`, ezaminat il-gurisprudenza li ghaliha rreferiet id-difiza. Bhal fil-kaz ta' Esron Pullicino, l-appellant Mizzi kien minorenni (kellu sittax-il sena) u ma allegax li gie maltrattat. Kuntrarjament ghall-kaz ta' Esron Pullicino, pero`, din ma kinitx l-ewwel okkazjoni li huwa gie nvestigat. Difatti gie ampjament pruvat illi b'sentenza tas-6 ta' Lulju 2004 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-appellant Mizzi – flimkien ma' ohrajn – instab hati, fuq ammissjoni, ta' numru ta' serqiet u tentattiv ta' serq. Ma jista' jkun hemm ebda dubju li dak

il-kaz kien jehtieg investigazzjoni da parti tal-Pulizija. Jigifieri l-ambjent li sab ruhu fih ma kienx ambjent stramb izda ambjent li kien fih almenu f'okkazjoni ohra. L-appellant jghid li mill-atti ma jirrizultax li saret xi dikjarazzjoni li t-tieni stqarrija kienet wahda volontarja. Mill-banda l-ohra mill-atti ma jirrizultax li quddiem l-ewwel Qorti saret xi kontestazzjoni dwar il-volontarjeta` tat-tieni stqarrija. L-appellant Mizzi ma xehedx (bhal ma kien xehed l-imputat John Azzopardi fil-kaz **Il-Pulizija v. Anthony Azzopardi et**). Ma hemm ebda allegazzjoni u minn imkien ma jirrizulta li t-tieni stqarrija saret minnu "sabiex ma jibqax arrestat".[2] Ma hemm ebda allegazzjoni u minn imkien ma jirrizulta li ma kellux "l-istat mentali li jippermettilu x-xelta libera ossija dik il-volontarjeta` li taghti valur probatorju ghal stqarrija".[3] Fl-ahharnett jigi rilevat illi waqt il-kontro-ezami ta' l-Ispettur Stephen Mallia, ma saritlu ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tindika li kienet qed tigi kontestata l-volontarjeta` tat-tieni stqarrija. Anzi l-mistoqsijiet kienu intenzjonati unikament biex ma jkunx hemm ekwivoci dwar dak li ammetta u dak li ma ammettiex l-appellant Mizi: ic-cahda li kien b'xi mod involut fit-tibdil tan-numru ta' registrazzjoni tal-mutur GBB-551 u l-ammissjoni ta' l-involviment tieghu dwar is-Suzuki 125 biss u ghall-ebda mutur iehor. Ghalhekk ir-raba' aggravju qieghed jigi michud u konsegwentement ukoll qed tigi michuda t-talba ghall-isfilz tat-tieni stqarrija.

Permezz tat-tieni aggravju, l-appellant Mizzi ghandu diversi lmenti.

Jghid fl-ewwel lok li ma setax jinstab hati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz. Skond l-appellant Mizzi, minn imkien ma jemergi li sabiex insteraq il-mutur intuzaw xi mfietah foloz, jew sehhet xi skalata jew kien xi kaz ta' ksur kif definit fl-artikoli 264, 265 u 266 tal-Kodici Kriminali. Dwar dan l-ilment, pero`, l-appellant Mizzi m'ghandux ragun. L-ewwelnett l-artikoli 264 u 265 mhumiex esklussivi, jigifieri l-artikolu 264 ma jeskludix mezzi ohra ta' ksur kif l-artikolu 265 ma jeskludix l-uzu ta' tipi ohra ta' mfietah foloz. Difatti

---

[2] **Il-Pulizija v. Anthony Azzopardi et**.
[3] *Ibidem*

dawn l-artikoli jipprovdu rispettivament li taht l-isem ta' "ksur" u ta' "mfietah foloz" **jidhlu** [fit-test Ingliz "***shall include***"] ecc. Fil-kaz in ezami bizzejjed issir referenza ghax-xiehda tad-derubat Carmel Cassar li jghid illi huwa kellu l-mutur ipparkjat taht il-flat tieghu u filghodu ma sabux hemm u sab "il-katina maqtugha". Barra minn hekk jghid li meta sussegwentement ra l-mutur ghand il-Pulizija, dan kellu s-serraturi kollha mkissrin – tas-*seat*, l-i*steering lock* u l-*ignition*. Dan ifisser illi kien hemm "ksur" biex seta' jinsteraq il-mutur u huwa "ksur" skond il-ligi.

It-tieni lment jirrigwarda l-kwalifika tal-valur ta' l-oggett misruq. L-appellant Mizzi jghid illi sid il-mutur fl-ebda hin ma kkwantifika l-valur tal-mutur. Lanqas ma tqabbad xi espert biex jikkwantifika l-valur tal-mutur. Lanqas ma jirrizulta mis-sentenza appellata li l-Magistrat sedenti jifhem bizzejjed biex jikkwantifika l-valur tal-mutur. Il-mutur seta' facilment gie stmat.

Fis-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 267 tal-Kodici Kriminali – li jiddisponi li s-serq huwa kkwalifikat bil-"valur" meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) – u l-paragrafu (a) ta' artikolu 279 tal-Kodici Kriminali – li jipprovdi ghall-piena fejn il-valur ta' l-oggett misruq ikun ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u ma jkunx izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37). Pero`, kif tajjeb jghid l-appellant, imkien fil-proceduri ma hemm indikazzjoni tal-prezz tal-mutur jew kif l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-valur tieghu huwa ta' izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37). Wiehed irid ukoll jikkunsidra li l-mutur kien manifatturat fl-1980 (ara *log-book* a fol. 68) u li d-derubat Carmel Cassar stess xehed illi huwa kien ihallih barra u li meta tgholli s-*seat* kien kollu msaddad. Ghaldaqstant din il-Qorti taqbel li l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija tal-kwalifika ta' "valur".

It-tielet ilment huwa dwar l-aggravju tax-xorta tal-haga misruqa riferibbilment ghall-paragrafu (a) ta' l-artikolu 271 tal-Kodici Kriminali, u li l-appellant Mizzi jghid li mhuwiex applikabbli ghall-kaz. Dan il-paragrafu jipprovdi ghal meta s-serq isir **"fuq hwejjeg imqeghdin f'periklu, sew jekk jinxehtu jew jingarru sabiex jitqieghdu fiz-zgur, kemm jekk jintelqu fil-ghagla biex wiehed isalva hajtu, minhabba hruq, tigrif ta' bini, gharqa, ilma li jgharraq l-art, invazjoni ta' ghedewwa, jew xi hemm kbir iehor"**. Evidentement l-ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija f'dan il-paragrafu ma japplika ghall-kaz odjern. Dak li japplika, u li gie wkoll citat mill-ewwel Qorti, huwa <u>biss</u> il-paragrafu (g) ta' l-imsemmi artikolu 271.

It-tielet aggravju jirrigwarda t-tielet imputazzjoni, dik ta' hsara volontarja. Din it-tielet imputazzjoni effettivament kellha titqies bhala li tikkomprendi zewg imputazzjonijiet ta' hsara, wahda li tirreferi ghal hsara fil-mutur Suzuki 125 bin-numru ta' registrazzjoni FAN-256 u ohra li tirreferi ghal hsara fil-pjanci tar-registrazzjoni bin-numru GBB-155 li nsterqu minn fuq mutur iehor tal-marka Peugeot u twahhlu fuq is-Suzuki. In kwantu l-imputazzjoni ta' hsara fuq il-pjanci GBB-155, l-appellant Mizzi ma setax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni peress illi mill-provi ma rrizulta minn imkien li kien hu li seraqhom u/jew li wahhalhom fuq is-Suzuki u/jew li kien hu li hassar parti mill-ewwel ittra "B" biex giet taqra "P". Difatti l-ewwel Qorti ma sabitux hati ta' l-imputazzjonijiet kollha relatati ma' l-imsemmijin pjanci GBB-155. Ghalhekk din il-Qorti sejra tiddikjarah mhux hati ta' din il-parti tat-tielet imputazzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-parti tat-tielet imputazzjoni li tirreferi ghal hsara fuq il-mutur Suzuki 125, l-appellant Mizzi jghid li ma ngabet ebda prova li huwa ghamel hsara fuq il-mutur. Huwa jsostni li t-thassir tax-*chassis number* u t-tibdil ta' kulur ma jistghux jitqiesu bhala hsara. Di piu` ma saritx prova tal-valur tal-hsara u allura jekk kinitx mehtiega kwerela da parti tad-derubat.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant Mizzi li t-thassir tax-*chassis number* u tibdil tal-kulur ma jikkostitwux hsara. Kull spiza mehtiega biex iggib l-i*status quo ante*

tikkostitwixxi hsara ghad-dannu tas-sid. Huwa minnu li ma ngabitx prova tal-valur tal-hsara, izda din il-Qorti hi sodisfatta li l-hsara f'dan il-kaz kienet tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47). Difatti, minbarra dawn il-hsarat, l-appellant Mizzi stess ammetta wkoll li kien rema l-pjanci originali tas-Suzuki u ghalhekk dawn kellhom jigu akkwistati mill-gdid. Fl-ahhar mill-ahhar, galadarba l-ewwel Qorti ddecidiet li ghandha tiddikjara t-tielet imputazzjoni assorbita fl-ghaxar imputazzjoni – li tirreferi biss ghax-*chassis number* – u l-Avukat Generali ma ntavola l-ebda appell f'dar-rigward, l-appellant Mizzi ma sofra ebda pregudizzju stante li l-piena nflitta ma gietx awmentata (naturalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali) minhabba s-sejbien ta' htija dwar it-tielet imputazzjoni.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant isostni li din hi eccessiva. Jirreferi ghas-*social inquiry report* imhejji mill-ufficjal tal-*probation* Mary Rose Farrugia li juri kambjament fil-hajja tieghu. L-appellant Mizzi jghid li r-rapport juri kif ghandu impjieg, familja b'zewgt itrabi x'imantni (effettivament ir-rapport jghid li ghandu tarbija wahda), li ma ghandu l-ebda vizzju tad-droga, u l-ebda kawza ohra pendenti. Jirreferi ghal dak li qal l-ufficjal prosekutur stess lill-ufficjal tal-*probation* li sentenza sospiza tkun piena idoneja. L-Ispettur Mallia kkonferma dan ukoll quddiem din il-Qorti. L-appellant jghid li bil-piena nflitta, l-aspett riformattiv ma giex accennat. Jirreferi ghal diversi sentenzi fejn inghatat opportunita` lill-hatjin permezz ta' ordni ta' servizz fil-komunita` jew ordni ta' *probation* u jissottometti li ghandha tinghatalu tali opportunita`.

Issa, mis-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti mponiet piena ta' disa' xhur prigunerija fuq l-ewwel imputazzjoni (dik ta' serq tal-mutur Suzuki 125) u t-tlettax-il imputazzjoni (dik li r-reati in kwistjoni gew kommessi matul il-perijodu ta' *probation*).

Jinghad mill-ewwel li l-applikazzjoni ta' sentenza sospiza ta' prigunerija hi eskluza mill-artikolu 28A(7)(c) tal-Kodici

Kriminali: **“Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f’xi wiehed mil-kazijiet li gejjin … (c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta’ probation jew ta’ liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation.”**

Inoltre l-Qorti hi prekluza milli tapplika xi sanzjoni komunitarja taht il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta mill-artikolu 23(2) ta’ dik il-ligi”: **“Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht probation … il-qorti ma tkunx tista’ tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1).”**

Konsegwentement l-unika piena li tista’ tigi applikata hi dik ta’ prigunerija effettiva.

B’referenza ghall-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti sejra tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-kwalifika ta’ “valur” u tal-kwalifika tax-“xorta tal-haga misruqa” kontemplata fl-artikolu 271(a) tal-Kodici Kriminali. Dan ifisser illi huwa jibqa’ hati ta’ serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa skond l-artikolu 271(g) tal-Kodici Kriminali.

Il-piena applikabbli fil-kaz odjern hi dik kif provdut fl-artikolu 277(b) tal-Kodici Kriminali b’referenza ghall-artikolu 276. L-artikolu 276 jistabilixxi piena ta’ prigunerija ghal zmien minn disa’ xhur sa tliet snin fejn is-serq ikun ikkwalifikat bil-“vjolenza” li ma jsirx flimkien ma’ xi wahda mic-cirkostanzi msemmija fl-artikoli 272 sa 275. Jigifieri fil-kaz tal-vjolenza numerika, bhalma hu dan il-kaz, japplika l-artikolu 276. Imbaghad, peress illi huwa akkumpanjat bil-kwalifika tal-mezz, u nonostante li akkompanjat bi kwalifiki ohra, il-piena msemmija fl-artikolu 276 tizdied bi grad jew tnejn. Meta sehh ir-reat in kwistjoni l-appellant Mizzi kellu sittax-il sena u ghalhekk bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali l-piena tinzel bi grad jew tnejn. Konsegwentement, dwar l-ewwel imputazzjoni l-anqas piena li seta’ jigi kkundannat ghaliha l-appellant Mizzi hu ta’ disa’ xhur prigunerija.

L-ewwel Qorti, pero`, ittrattat ma' l-appellant Mizzi ghal ksur ta' ordni ta' *probation*, cioe` talli kkommetta reat iehor waqt perijodu ta' *probation*. Fil-fatt ir-reat ta' serq gie kommess fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Mejju 2005, u cioe` ghaxar xhur – mhux erbatax-il xahar kif qalet l-ewwel Qorti – wara li nghata l-ordni ta' *probation*. Permezz tas-sentenza tas-6 ta' Lulju 2004 li biha l-appellant Mizzi kien tqieghed taht *probation*, huwa nstab hati li kkommetta tliet serqiet ikkwalifikati bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa, tentattiv ta' serq ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, u hsara volontarja. Gie akkordat il-beneficcju ta' l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali li permezz tieghu d-diversi atti jitqiesu bhala reat kontinwat. Ir-reat ta' hsara volontarja jitqies assorbit fir-reati ta' serq. Il-piena ghar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa hi ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin mizjuda bi grad u ma tinghatax fil-*minimum*, jigifieri minimu ta' tlettax-il xahar u ghoxrin gurnata. Il-piena mbaghad tista' tizdied bi grad jew tnejn a tenur ta' l-artikolu 18 imsemmi filwaqt li ghandha tonqos bi grad jew tnejn bis-sahha ta' l-artikou 37 tal-Kodici Kriminali. Kieku l-Qorti kellha ma tapplikax l-artikolu 18, u tnaqqas il-piena b'zewg gradi, il-piena minima applikabbli kienet tkun ta' seba' xhur.

Konsegwentement il-piena minima li setghet timponi l-ewwel Qorti kienet ta' disa' xhur dwar il-kaz odjern u, mizjud ma' dik il-piena (skond l-art. 17(b) tal-Kodici Kriminali) terz sa nofs il-piena dwar il-kaz originali, u cioe` tliet xhur u hmistax-il gurnata jekk izzid nofs, u xahrejn u ghaxart ijiem jekk izzid terz. Mela proprju lanqas piena li setghet timponi l-ewwel Qorti kienet ta' hdax-il xahar u ghaxart ijiem. Galadarba l-piena li mponiet kienet taht il-minimu stabbilit mil-ligi, din il-Qorti ma tistax tittempera l-piena ulterjorment.

Din il-Qorti sejra issa tikkunsidra l-appell ta' Josef Agius li l-aggravji tieghu huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija fil-konfront tieghu fir-rigward tas-serq ikkwalifikat bil-valur; (2) li ma setghetx issib htija fil-konfront tieghu fir-rigward tas-serq ikkwalifikat bil-mezz;

(3) li, minghajr pregudizzju, il-piena hi eccessiva. Dawn huma aggravji identici ghal uhud minn dawk migjuba mill-appellant l-iehor Kurt Mizzi u li diga` gew trattati. Fis-seduta ta’ l-1 ta’ Dicembru 2010, pero`, il-prosekuzzjoni ssollevat il-pregudizzjali tan-nullita` tar-rikors ta’ appell. Skond tali pregudizzjali, ir-rikors ta’ appell ta’ Josef Agius huwa null peress illi l-ewwel imputazzjoni tirreferi ghal serq b’diversi kwalifiki filwaqt illi mill-aggravji u mit-trattazzjoni jirrizulta illi s-serq semplici mhuwiex ikkontestat u in kontestazzjoni hemm biss il-kwalifiki ta’ valur u ta’ mezz. Ghalhekk, skond il-prosekuzzjoni, kemm-il darba din il-Qorti ssib li l-kwalifiki msemmija ma jissussistux hija tista’ biss tirriforma dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni billi tikkonfermaha dwar ir-reita` u thassarha sa fejn jikkoncerna l-kwalifiki msemmija. L-Avukat Dottor Kris Busietta ghall-appellant wiegeb li kwalunkwe diskrepanzi li jista’ jkun hemm huma semmai biss *“lapsus calami”*.

L-artikolu 419 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi:

**“419(1): Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta’ nullita` -**
**(a) il-fatti fil-qosor;**
**(b) ir-ragunijiet ta’ l-appell;**
**(c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.”**

Il-gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti hi fis-sens li dejjem giet dikjarata n-nullita` ta’ appell jekk il-vot tal-ligi fl-imsemmi artikolu ma jigix osservat skrupolozament. Jigifieri meta ma jkunx gie osservat xi wiehed jew aktar mill-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) ta’ l-imsemmi artikolu 419, dan igib bhala konsegwenza li r-rikors ta’ appell ikun null. U n-nullita` hija anki sollevabbli *ex officio* mill-Qorti, essendo dik id-disposizzjoni u dawk ir-rekwiziti ta’ ordni pubbliku.[4]

[4] Ara, per ezempju, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Stephen Zammit**, 27 ta’ Novembru 2008; **Il-Pulizija v. Lewis Muscat**, 31 ta’ Awissu 2006 ; **Il-Pulizija v. Mario Camilleri**, 3 ta’ Dicembru 2001; **Il-Pulizija v. Joe Borg**, 21 ta’ Lulju 1995.

Kif inhu risaput din il-Qorti tipprova ssalva l-atti u ma tiddikjarax rikors ta’ appell bhala null fejn dan ikun possibbli, imqar bi ftit tigbid entro l-limiti permessi mill-ligi, ghax ikun gie sodisfatt il-minimu ta’ dak li hu rikjest ghall-finijiet tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 419 imsemmi – ara f’dan is-sens **Il-Pulizija v. Robert Spiteri et** App. Krim. 30/4/1990, **Il-Pulizija v. Joseph Tabone** App. Krim. 14/9/2007, u **Il-Pulizija v. George Galea** App. Krim. 15/2/2008.

Fl-istess hin fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Galea** deciz fit-30 ta’ Gunju 1995, din il-Qorti diversament presjeduta dahlet *funditus* fil-kwistjoni tan-nullita` tar-rikors ta’ appell u waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet:

**“(a) Bhala regola generali, id-disposizzjoni in ezami, cioe` li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza, giet ‘very strictly and rigidly interpreted’ (<u>The Police v. John Hill</u>, Criminal Appeal, 23/9/72).**

**(b) Ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-tahsir <u>jew</u> ghat-tibdil, fil-prassi ta’ din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-tahsir kif ukoll talba ghat-tibdil, purche` li din it-tieni talba tkun subordinata ghall-ewwel wahda. Infatti, anke jekk intalab biss it-tahsir, din il-Qorti tista’ flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella – tilqa’ l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-tahsir, ir-rikors ikun null (<u>P. v. Anthony Zammit</u>, 1/10/60, Vol. XLIV.iv.940; <u>P. v. Richard Vincenti Kind</u>, App. Krim., 16/9/72); <u>P. v. Carmelo Agius</u>, App. Krim., 14/10/72).**

**(c) Ir-*raison d'etre* tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement ried li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob."**

Gie ritenut ukoll illi l-ahjar formola ritwali li ghandha tigi segwita f'kaz ta' talba ghal riforma, tibdil jew varjar tas-sentenza hija dik li fl-ewwel lok tintalab ir-riforma, tibdil jew varjazzjoni, imbaghad tintalab il-konferma tal-parti tas-sentenza li ma jkunx qed isir appell minnha u fit-tielet lok tintalab ir-revoka, thassir, tahsir jew annullar tal-parti tas-sentenza li jkun qed isir appell minnha, u fl-ahhar issir it-talba ghat-tibdil mehtieg bhal, per ezempju, li ma tinstabx il-htija ta' imputazzjoni wahda jew aktar jew riduzzjoni fil-piena[5].

Fil-kaz in ezami l-aggravji fil-mertu jirrigwardaw biss is-sejbien ta' htija tal-kwalifiki ta' valur u ta' mezz fir-rigward l-ewwel imputazzjoni. Issa, ghalkemm l-appellant qieghed jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata u jghid f'liema partijiet qieghed jitlob konferma, ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza fejn sabitu hati ta' dik l-imputazzjoni meta l-aggravji tieghu jirrigwardaw biss il-kwalifiki tal-valur u tal-mezz u ma jirrizultax li qieghed jikkontesta l-kwalifiki l-ohra – ta' vjolenza, hin u xorta tal-haga misruqa. Ghalhekk it-talba kif impostata mhijiex ai termini ta' l-artikolu 419(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

Lanqas ma ssalva s-sitwazzjoni ghall-appellant Agius is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Richard sive Rachela Spiteri u Natal Bonello v. Avukat Generali** tad-9 ta' Marzu 2010 (fejn ic-cirkostanzi kienu differenti u d-decizjoni nghatat a bazi ta' dawk ic-cirkostanzi partikolari). Anzi f'dik is-sentenza ntqal:

---

5 Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph John Agius**, 9 ta' April 2003.

**"11. Il-htiega li fir-rikors tal-appell jigi indikat b'mod car u mill-ewwel jekk l-appellant hux qed jitlob ir-revoka tas-sentenza kollha kemm hi jew il-varjazzjoni taghha (u allura liema parti qed jitlob li tigi konfermata u liema mibdula) hija imposta biex jigi assigurat li l-kawza titpogga fuq il-binarju korrett mill-ewwel, cioe` mal-presentata tal-istess rikors, u li ma jsirux appelli bl-addocc, specjalment meta jkun hemm diversi imputazzjonijiet, ghas-semplici fini biex l-appellant jipprova, kif jghid il-Malti, "fejn laqat, laqat"! Il-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 jipprovdu ghal mod organiku sabiex l-appelli, sia jekk isiru mill-persuna misjuba hatja u sia jekk isiru mill-Avukat Generali, ikunu jistghu jinstemghu bi speditezza. Huwa minnu li din id-disposizzjoni kienet introdotta fil-Kodici Kriminali fl-1900, meta l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet testendi ghal reati li jkollhom piena ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija (kien biss bl-Att XXIX tal-1940 li l-kompetenza ta' din il-Qorti bdiet, ftit ftit, tigi estiza); izda r-rekwiziti, taht piena ta' nullita`, tal-imsemmija tlett paragrafi huma aktar importanti llum meta persuni spiss ikunu akkuzati b'diversi akkuzi (u ta' aktar serjeta` milli setghu qatt kienu fl-1900) u allura spiss jigri li jinstabu hatja ta' xi whud minnhom u jigu liberati minn ohrajn, u ghalhekk ikun indispensabbli li mill-bidu nett jigi ccarat x'qed jitlob l-appellant. Huwa minnu wkoll li l-gurisprudenza rriteniet (din il-Qorti tifhem li rriteniet hekk b'mod logiku hafna) li meta l-appellant kellu jitlob ir-riforma izda minflok jitlob ir-revoka, allura ma jkunx gie osservat ir-rekwizit tal-paragrafu (c) tal-imsemmi Art. 419(1), b'mod li dan igib in-nullita` tar-rikors ta' l-appell. Apparti minn hekk, din il-gurisprudenza tmur lura ghexieren ta' snin, mill-anqas sal-1930 – ara s-sentenzi msemmija fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' April 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur N. Ciappara) v. Joseph John Agius – b'mod ghalhekk li, kif tajjeb qalet il-Prim Awla fis-sentenza appellata, din il-gurisprudenza hija ben nota u maghrufa minn kull min jipprattika quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u**

**ghalhekk mhux il-kaz ta' xi sorpriza jew nuqqas ta' pubblicita` li tista' taghti lok ghal ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jew 39(1) tal-Kostituzzjoni. U l-fatt li l-Qorti tqajjem hi – ex officio – tali nullita` b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jwassal ghal lezjoni tal-imsemmija artikoli."**

Ghaldaqstant il-pregudizzjali sollevat mill-Avukat Generali qieghed jigi milqugh.

Ghal kull bwon fini pero` din il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal qabel fir-rigward ta' l-appell ta' Kurt Mizzi dwar l-aggravji li jirrigwardaw il-kwalifiki tal-mezz u tal-valur abbinati ma' l-ewwel imputazzjoni, u ghal dak li ntqal dwar il-piena u li fi kwalunkwe kaz japplika kollu *mutatis mutandis* ghall-appellant Josef Agius.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi (A) fir-rigward ta' l-appell ta' Josef Agius, tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali fis-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2010, tiddikjara l-appell ta' Josef Agius rritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu; (B) fir-rigward ta' l-appell ta' Kurt Mizzi, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu nstab hati tal-kwalifiki ta' valur u ta' xorta tal-haga misruqa skond l-artikolu 271(a) tal-Kodici Kriminali kif abbinati ma' l-ewwel imputazzjoni u in kwantu nstab hati ta' hsara volontarja fuq pjanci tar-registrazzjoni numru GBB-155 fit-tielet imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati taghhom, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------